Kummissarju għat-Tfal

Commissioner for Children

# il-konvenzjoni tan-nazzjonijiet uniti dwar id-drittijiet tat-tfal

**Bħala tfal ta' taħt it-18-il sena intom għandkom id-dritt li tkunu kuntenti; li tikbru f'adulti maturi, li tkunu protetti minn dak kollu li jista' jagħmlilkom il-ħsara u li tesprimu ruħkom kif tixtiequ, sakemm ma tagħmlux ħsara lilkom infuskom u lill-oħrajn. Id-drittijiet tagħkom insibuhom miġbura fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Malta qablet li tirrispetta din il-Konvenzjoni fl-1990.**

**Kunu afu izjed dwar id-drittijiet tagħkom billi taqraw l-artikli ta' hawn taħt u billi titkellmu dwarhom mal-familja tagħkom, adulti oħrajn li jieħdu ħsiebkom, ma' sħabkom u mal-għalliema.**

**FTAKRU - Dawn id-drittijiet huma tagħkom u intom fid-dmir li tużawhom tajjeb. Żommu f'moħħkom li kull persuna għandha dawn id-drittijiet, mela għandkom tirrispettaw dejjem id-drittijiet tal-oħrajn.**

**Artiklu 1**
Kull min hu taħt it-18-il sena għandu dawn id-drittijiet tat-tfal.

**Artiklu 2**
It-tfal huma kollha ndaqs. Ma hemm l-ebda raġuni għaliex tifel/tifla jista' jiġi ttrattat b'mod inġust.

**Artiklu 3**
L-adulti għandhom jagħmlu dak kollu li huwa l-aħjar għalik. Meta l-adulti jieħdu deċiżjoni f'ismek, dawn għandhom jaraw kif din sejra taffetwak.

**Artiklu 4**
Il-Gvern huwa responsabbli li jħares id-drittijiet tiegħek. Għandu joħloq ambjent fejn inti tista' tikber u tilħaq il-potenzjal tiegħek. Għandu wkoll jgħin lill-familja tiegħek biex hi wkoll tħares id-drittijiet tiegħek.

**Artiklu 5**
Il-familja tiegħek għandha d-dmir li tgħinek tuża d-drittijiet tiegħek.

**Artiklu 6**
Inti għandek id-dritt għall-ħajja.

**Artiklu 7**
Malli titwieled inti għandek tiġi reġistrat u jkollok isem u nazzjonalita'.

**Artiklu 8**
Inti għandek dritt li jkollok identita' li tkun unika għalik u li ħadd ma jista' joħodilek.

**Artiklu 9**
Inti għandek dritt li tgħix mal-ġenituri tiegħek, sakemm dan mhuwiex ta' ħsara għalik. Inti għandek dritt li titrabba ġo familja li tkun tista' tieħu ħsiebek.

**Artiklu 10**
Jekk inti tgħix f'pajjiz differenti minn dak tal-ġenituri tiegħek, inti għandek id-dritt li tkun magħhom fl-istess pajjiż.

**Artiklu 11**
Il-Gvern għandu jassigura li inti ma titteħidx minn pajjiż għall-ieħor mingħajr permess.

**Artiklu 12**
Inti għandek dritt tagħti l-opinjoni tiegħek. L-adulti għandhom jagħtu każ ta' dak li tkun qed tgħid u jieħduh bis-serjeta'.

**Artiklu 13**
Inti għandek id-dritt li tfittex l-informazzjoni u li din taqsamha mal-oħrajn permezz tal-fomm, kitba jew tpinġija. Dan tista' tagħmlu sakemm la tweġġa' jew toffendi lil xi ħadd.

**Artiklu 14**
Inti għandek id-dritt li tagħżel ir-reliġjon u t-twemmin tiegħek. Il-ġenituri tiegħek għandhom jgħinuk tiddeċiedi dwar x'inhu tajjeb u ħażin u dwar dak li huwa fl-aħjar interess tiegħek.

**Artiklu 15**
Inti għandek id-dritt li tagħżel il-ħbieb tiegħek u li twaqqaf jew tingħaqad ma' xi grupp, sakemm dan ma jkunx ta' ħsara għall-oħrajn.

**Artiklu 16**
Inti għandek id-dritt għall-privatezza.

**Artiklu 17**
Inti għandek id-dritt li tiġbor informazzjoni li tkun ta' ġid għall-ħajja tiegħek. Dan tista' tagħmlu permezz tar-radju, gazzetti, kotba, kompjuter u sorsi oħra. L-adulti għandhom jassiguraw li din l-informazzjoni ma tkunx ta' ħsara għalik u għandhom jgħinuk issib u tifhem l-informazzjoni li għandek bżonn.

**Artiklu 18**
Inti għandek tiġi mrobbi miż-żewġ ġenituri tiegħek, jekk dan ikun possibbli.

**Artiklu 19**
Inti għandek id-dritt li tkun protett milli tiġi trattat ħazin jew imweġġa', kemm fiżikament kif ukoll mentalment.

**Artiklu 20**
Inti għandek id-dritt għall-protezzjoni, għajnuna u kura speċjali jekk inti ma tistax tgħix mal-ġenituri tiegħek.

**Artiklu 21**
Inti għandek id-dritt għall-protezzjoni u kura jekk inti addottat jew *fostered*.

**Artiklu 22**
Jekk inti refuġjat, inti għandek id-dritt għall-protezzjoni speċjali. Inti għandek id-drittijiet kollha msemmija f'din il-Konvenzjoni.

**Artiklu 23**
Jekk inti għandek diżabilta' , inti għandek id-dritt għal edukazzjoni speċjali u kura biex inti tkun tista' tilħaq il-potenzjal tiegħek. Inti għandek id-drittijiet kollha msemmija f'din il-Konvenzjoni.

**Artiklu 24**
Inti għandek id-dritt għall-aħjar servizzi ta' kura medika, ilma nadif għax-xorb, ikel sustanzjuż, ambjent nadif u sigur u informazzjoni li tgħinek biex tgħix b'saħħtek.

**Artiklu 25**
Jekk inti tgħix f'dar residenzjali jew x'imkien ieħor barra mid-dar, għandhom isiru dawk l-ispezzjonijiet neċessarji b'mod regolari biex ikun żgurat li l-ambjent li qed tgħix fih huwa l-aktar addattat għalik.

**Artiklu 26**
Inti għandek id-dritt li tirċievi għajnuna mill-Gvern jekk inti fqir jew fil-bżonn.

**Artiklu 27**
Inti għandek id-dritt għall-ikel, ħwejjeġ , post sigur fejn tgħix u li l-bżonnijiet baziċi tiegħek ikunu mħarsa. Inti għandek tkun tista' tagħmel dak li tfal oħra tal-eta' tiegħek jistgħu jagħmlu.

**Artiklu 28**
Inti għandek id-dritt għal edukazzjoni ta' kwalita'. Inti għandek tkun imħeġġeġ li tibqa' tattendi l-iskola sa l-ogħla livell li inti tista' tilħaq.

**Artiklu 29**
L-edukazzjoni li tingħata għandha tgħinek tuża u tkabbar it-talenti u l-ħiliet tiegħek. Għandha tgħinek titgħallem ukoll kif inti tgħix fil-paċi, tieħu ħsieb l-ambjent u tirrispetta lill-oħrajn.

**Artiklu 30**
Inti għandek dritt li tipprattika l-kultura, il-lingwa u r-reliġjon tiegħek. Gruppi li huma f'minoranza għandhom ikollhom protezzjoni speċjali biex huma jgawdu dan id-dritt.

**Artiklu 31**
Inti għandek id-dritt għal-logħob u l-mistrieħ.

**Artiklu 32**
Inti m'għandekx tagħmel xogħol li jista' jkun ta' ħsara għal saħtek jew li jtelfek mill-iskola. Jekk inti għandek l-eta' li tista' taħdem inti għandek tkun f'ambjent sigur u mħallas b'mod xieraq.

**Artiklu 33**
Inti għandek id-dritt li tkun protett mid-drogi u minn min imexxi d-droga.

**Artiklu 34**
Inti għandek id-dritt li tkun ħieles minn kull forma ta' abbuż inkluż dak sesswali.

**Artiklu 35**
Inti ma tistax tiġi maħtuf jew mibjugħ.

**Artiklu 36**
Inti għandek tkun protett minn kull forma ta' esplojtazzjoni jew li xi ħadd jieħu vantaġġ minnek minħabba l-eta' tiegħek.

**Artiklu 37**
Ħadd m'għandu jikkastigak b'mod kattiv jew li jweġġgħak.

**Artiklu 38**
Inti għandek id-dritt li tkun imħares mill-gwerer. Jekk inti għandek inqas minn 15-il sena m'għandekx tiġi mġiegħel li tkun suldat jew tieħu sehem fi gwerra.

**Artiklu 39**
Inti għandek dritt li tirċievi l-għajnuna jekk inti tkun ġejt maħqur, ittraskurat jew trattat ħażin.

**Artiklu 40**
Jekk inti tittella' l-Qorti, għandu jkollok avukat u li tiġi mismugħ b'mod ġust u xieraq u li jkunu rispettati d-drittijiet tiegħek bħala minuri.

**Artiklu 41**
Jekk il-liġijiet ta' pajjiżek jagħtuk aktar protezzjoni minn dak li tagħti din il-Konvenzjoni, allura jkunu l-liġijiet ta' pajjiżek li jgħoddu.

**Artiklu 42**
Inti għandek dritt tkun taf x'inhuma d-drittijiet tiegħek! L-adulti għandhom ikunu jafu x'inhuma dawn id-drittijiet u għandhom jgħinuk biex int issir tafhom.

**Artikli 43 - 45**
Dawn l-artikli jispjegaw kif il-gvernijiet u l-għaqdiet internazzjonali bħall-UNICEF għandhom jaħdmu biex it-tfal ikunu protetti permezz tad-drittijiet tagħhom.



www.tfal.org.mt